DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Frar 2008

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(2008/190/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2003 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim mar-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru skond il-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2003.

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità suġġett għal konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/345/KE [2].

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizz ta' l-ajru huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li tagħmel jew jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Frar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. RUPEL

[1] Opinjoni tas-16 ta' Mejju 2006.

[2] ĠU L 126, 13.5.2006, p. 23.